**MEDIA RELEASE**

**1 t'April 2009**

# 'Nemmen fil-potenzjal tal-anzjani'

*Claudette Abela Baldacchino*

L-anzjani ghandhom ikunu nvoluti direttament fit-tfassil tal-politika fuq livell ewropew, ghaliex hadd aktar minnhom ma jista' jitkellem fuq il-htigijiet socjali taghhom.

Hekk sostniet Claudette Abela Baldacchino kandidat tal-PL ghall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew meta ltaqghet mal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani u pprezentat l-abbozz tar-rapport ghall-Kumitat tar-Regjuni tal-UE ghal glieda kontra kull diskriminazzjoni inkluz l-eta'.

Minkejja l-avvanzi, l-anzjani ghadhom isofru minn ostakli kbar fost l-ohrajn meta d-dhul mill-pensjoni mhux qed ikun bizzejjed biex jghixu, jixtru l-medicini u jkunu partecipi fis-socjeta' qalet Abela Baldacchino. Ziedet li f'pajjizna wkoll, ghandna socjeta' li qeghda dejjem tixjieh u ghaldaqstant irridu naraw li ma jkollniex nies eskluzi socjalment ghaliex tul is-snin imghoddija kellhom impjiegi b'pagi baxxi.

Abela Baldacchino qalet li jekk verament irridu l-inkluzjoni socjali irridu naraw li anke l-anzjani jkollhom il-mezzi finanzjarji biex jghixu hajja dicenti u mhux taht l-iskuza tal-krizi finanzjarja jkomplu jitnaqqru s-servizzi li joffri l-istat, fosthom bhal ma qed jigri fil-kaz tal-listi ta' stennija ghall-operazzjonijiet fl-isptar Mater Dei u l-kura fil-komunita. Jekk verament irridu socjeta attiva' u li taghraf il-potenzjal ta' kulhadd l-anzjani ghandhom wkoll id-dritt li jkollhom access ghas-servizzi tat-teknologija.

Irridu ngharfu wkoll li fi zmien qasir ser ikollna generazzjoni ta' nanniet differenti minn dawk li ghandna llum, qalet Abela Baldacchino ghaliex l-anzjani ser ikunu ghadhom jahdmu fl-eta li tradizzjonalment illum ikunu rtirati. Ghalhekk il-valuri tradizzjonali taghna ser ikunu sfidati sforz it-tibdil li ser ikun qed isehh f'pajjizna wkoll.

L-abbozz tar-rapport ghall-Kumitat tar-Regjuni tal-Unjoni Ewropeja jappella dwar il-htiega ta' stharrig u gbir ta' statistika li jibda mill-livell lokali halli nkunu nistghu nilqghu ghall-isfidi fil-futur qrib.

Abela Baldacchino sostniet ukoll dwar il-htiega li jissahhu l-ligijiet ewropew fil-glieda kontra d-diskriminazzjoni inkluz l-eta, halli jkollna trattament u protezzjoni ghal kull minn qed jghix u jahdem kemm f'pajjizna kif ukoll fl-Unjoni Ewropeja sostniet Abela Baldacchino. Ma dan wasal ukoll iz-zmien li f'pajjizna ngharfu li m'ghandniex nabbuzaw mill-ghaqal tal-familji u l-anzjani, izda noffrulhom il-mekkanizmu necessarju halli bi dritt u gustizzja jghixu ahjar.